MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2014

Numru. 255/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Daryl Mark Pace**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Daryl Mark Pace ta’ 19-il sena, iben Silvio u Liza nee` Grima, imwieled Pieta` fid-29 ta’ Awwissu 1992, residenti 41, Milano, Triq Belvedere, Gzira, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 440092(M):

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-30 ta’ Dicembru 2011 u fis-sentejn ta’ qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmannifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta’ sentenza sospiza, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, preseduta mill- Magistrat Dr. A. Mizzi, nhar it-18 ta’ Novembru 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2013, liema ammissjoni giet

ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll illi jidher li l-imputat miexi fit-triq it-tajba u qed jaghmel sforz f’dan is-sens, tant illi anke dahal fi programm gewwa San Blas sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, liema programm huwa spiccah fis-sena 2012.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat li tinkludi kundanna wahda in konnessjoni *inter alia* ma’ offiza gravi fuq il-persuna, fir-rigward ta’ liema, l-imputat gie ikkundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin. Fil-fatt din hija s-sentenza mertu tat-tieni imputazzjoni, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), kif diversament presjeduta, fit-18 ta’ Novembru 2010. Ghalhekk ir-reat odjern gie kommess mill-imputat waqt il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

F'dan ir-rigward, il-Qorti qieset illi waqt it-trattazzjoni finali, il-prosekuzzjoni ssottomettiet illi mhijiex tinsisti li s-sentenza sospiza mertu tat-tieni imputazzjoni tigi reza operattiva u dan fid-dawl tal-fatt illi l-imputat ghamel u qed jaghmel sforz biex jibqa' miexi fit-triq tar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma jidhrilhiex illi jkun idoneu illi tordna illi s-sentenza sospiza tigi reza operattiva, izda mill-banda l-ohra, u anke in vista tal-vizzju serju li jidher li kellu l-imputat minn eta` tenera, ikun ghaqli illi l-imputat jibqa' jigi sorveljat waqt il-perjodu operattiv tal-istess sentenza u dan sabiex jigi assigurat illi l-imputat jibqa' miexi fit-triq illi qabad.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni tikkundannah ghall-**multa ta' sitt mija u hamsin ewro (€650)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, u wara li rat l-Artikoli 28B(2)(b) u 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghar-ragunijiet fuq indikati, il-Qorti qeghda titratta mal-hati dwar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Magistrat Dr. A. Mizzi, fit-18 ta' Novembru 2010, permezz ta' liema sentenza huwa kien gie kkundannat ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, billi tordna illi l-perijodu operattiv ta' erba' snin jerga' jibda jiddekkorri mill-gdid mil-lum stess.

Il-Qorti qeghda in oltre tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Supervizjoni hawn anness, liema Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv, kif ukoll l-effetti tal-Ordni ta' Supervizjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------